Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,181, 22 ta' Settembru, 1989
Taqsima B

A.L. 115 ta' l-1989

ATT LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG (KAP. 135)

Ordni ta' l-1989 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industrija ta' l-Ippriservar biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att li Jirregola l-Kondizżjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali, wara li rċieva proposti mill-Kunsill tal-Pagi għall-Industrija ta' l-Ippriservar dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impieg ta' l-impjegati li għalihom japplika l-imsemmi Kunsill tal-Pagi, għamel l-ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industrija ta' l-Ippriservar biex Jirregola l-Pagi u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-1977 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Industrija ta' l-Ippriservar biex Jirregola l-Pagi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 51 ta' l-1977.

(2) Dan l-ordni għandu jibda jseħħ fit-30 ta' Settembru, 1989.

Jemenda il-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. Minflok is-subparagrafu (a) tal-paragrafu 2 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(a) erbgħin siegħa xogħol fil-każ ta' impjegati *whole-time*, barra minn għassiesa, u".

Jissostitwixxi il-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

3. Minflok il-paragrafu 6 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"L-anqas rati ta' sahra.

6. (1) Fil-każ ta' impjegati *whole-time*, barra mill-għassiesa, s-sahra għandha titħallas kif ġej:—

(a) għall-ħin kollu li jinħadem iżjed minn erbgħin (40) siegħa f'kull ġimgħa minbarra xi ħin imħallas bir-rata ta' sahra

..... ħin u nofs;

(b) f'każ ta' ġimgħa ta' ħamest ijiem għall-ħin kollu li jinħadem iżjed minn tmien (8) siegħat kull ġurnata

..... ħin u nofs;

(ċ) f'każ ta' ġimgħa ta' sitt ijiem għall-ħin kollu li jinħadem iżjed minn seba' (7) siegħat mit-Tnejn sal-Ġimgħa, u ħames (5) siegħat nhar ta' Sibt

..... ħin u nofs;

(d) għall-ħin kollu li jinħadem fil-Ħdud u fil-vaganzi tas-soltu

..... ħin doppju:

Iżda f'kull ġimgħa li tinkludi vaganza tas-soltu, għandha titħallas sahra ta' ħin u nofs għal xogħol ta' iżjed minn tlieta u tletin (33) siegħa, mhux magħdud il-ħin imħallas b'rati ta' sahra, lill-impjegati *whole-time* minbarra għassiesa.

(2) Għandha titħallas sahra bir-rata ta' ħin u nofs lill-għassiesa għall-ħin kollu ta' iżjed minn sittin (60) siegħa f'perijodu ta' sitt (6) ijiem konsekuttivi, u għall-ħin kollu li jinħadem fis-seba' ġurnata.".

Jissostitwixxi il-paragrafu 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

4. Minflok il-paragrafu 7 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"*Leave* għal vaganza.

7. (1) B'żieda mal-anqas mistrieħ fil-ġimgħa li jistgħu ikunu intitolati għalih impjegati *whole-time* skond il-paragrafu 5, impjegati *whole-time* għandhom jedd għall-Festi Nazzjonali u għall-btajjel pubbliċi kollha b'paga sħiħa, u għal dan il-*leave* għal vaganza li ġej li ma jkunx inqas minn —

(a) erba' ġimgħat tax-xogħol u jum wieħed tax-xogħol matul is-snin kalendarji 1988 u 1989;

(b) erba' ġimgħat tax-xogħol u jumejn tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1990;

(ċ) erba' ġimgħat tax-xogħol u tlett ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1991;

(d) erba' ġimgħat tax-xogħol u erbat ijiem tax-xogħol matul is-sena kalendarja 1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara:

Iżda meta impjegat *whole-time* ikun ilu impjegat għal inqas minn tnax-il xahar matul xi sena kalendarja, ikollu jedd għal dik il-parti tal-*leave* għal vaganza msemmi skond ma jkun il-proporzjon tan-numru ta' xhur li jkun ilu fl-impieg.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu "*leave* għal vaganza" tfisser *leave* bi ħlas li jista' jittieħed f'jiem miftehmin bejn prinċipal u impjegat, b'dan illi jum wieħed *leave* għal vaganza matul 1988 u 1989, jumejn *leave* għal vaganza matul

1990, tlett ijiem *leave* għal vaganza matul l-1991 u erbat ijiem *leave* għall-vaganza matul l-1992 u matul kull sena oħra kalendarja li tiġi wara ma jkunux jagħmlu parti minn xi *shut-down* u għandhom jingħataw mill-prinċipal bħala *leave* li jittieħed b'għażla b'żieda ma kull *leave* li jittieħed b'għażla li l-impjegat seta' kellu jedd għalih fid-9 ta' Novembru, 1988.".

Jemenda il-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

5. Il-paragrafu 8 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fis-subparagrafi (1)(a) u (1)(b) tiegħu, minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu il-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali";

(b) is-subparagrafu (2) tiegħu u l-proviso li tinsab miegħu għandhom jitħassru; u

(ċ) is-subparagrafu (3) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subparagrafu (2).

Jemenda il-paragrafu 8A ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

6. Fil-paragrafu 8A ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minflok il-kliem "l-Att ta' l-1956 dwar is-Sigurtà Nazzjonali" għandhom jidħlu l-kliem "l-Att ta' l-1987 dwar is-Sigurtà Soċjali".

Jemenda il-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

7. Fil-paragrafu 12 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minflok il-kliem "bi tnejn u sebgħin" u "b'sitta u erbgħin" għandhom jidhlu l-kliem "b'sittin" u "b'erbgħin" rispettivament.